# 32. Id-Dgħajjes tal-Latini

Ja dgħajjes tal-latini, kif il-għodwa
tiftaħ tal-kampanella warda warda
fuq ħajt il-ġnien b'idha tad-dawl u tqassat
                                        ta' ġmiel rużarju,

Minn ġewwa d-daħla ta' l-Imġarr kennija
kontu toħorġu waħda wara l-oħra,
bl-għajjat tal-bdott u tal-baħrin zagħżugħa
                                        ma' l-arbli mxabbta,

Jiftħu għar-riħ tal-majjistral mill-poppa
tirkett fuq l-arblu ta' quddiem, majjistra
wara, u l-qlugħ iż-żgħir tal-pallakkun
                                        barra mill-pruwa,

U erħilkom tiġġerrew għal ħdejn Kemmuna,
bil-pika ma' xulxin minn jasal l-ewwel
il-port il-kbir, u hemmhekk tħottu l-egħlejjel
                                        tal-art għawdxija.

Ja dgħajjes tal-latini, darba għal dejjem
għebtu minn Għawdex, sew bħal qatgħa gawwi
li taru l-bogħod il-bogħod f'ibħra xemxija
                                        u nsew il-bejta

Li darba bejtu fil-għerien tal-fliegu!
U fuq ġwenħajhom bojjod is-Sbuħija,
tad-daħla ta' l'Imġarr ħelwa Sultana,
                                        taret… għal dejjem!...